MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2025

Rikors Kostituzzjonali Numru 230/24 LM

**Tyson Grech (K.I. Nru. 444995(M))**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq fit-8 ta' Mejju, 2024, mir-rikorrent **Tyson Grech (K.I. Nru. 444995(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

***"Jesponi bir-rispett:***

*Illi huwa kien tressaq il-Qorti akkużat b'numru ta' reati* inter alia *li mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzioni orali b'organu sesswali, u senjatament ksur ta' reċidiva.*

*Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza tagħha tad-29 ta' Settembru 2021 per Maġistrat Rachel Montebello sabitu ħati ta' uħud mill-akkużi senjatament ukoll tal-akkuża ta' reċidiva u kkundanatu sitt (6) snin priġunerija u multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200).*

*Illi huwa intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, liema appell ġie deċiż per l-Imħallef Neville Camilleri fil-11 ta' Jannar 2024, fejn ġiet kkonfermata in toto is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Rachel Montebello fid-29 ta' Settembru 2021.*

*Illi għandu jingħad li matul l-appell li kien inizzja l-esponent, huwa kien talab lil Qorti tal-Appelli Kriminali sabiex jippreżenta filmat li huwa skopra fil-'*cloud*' tiegħu li juri li ftit tas-sigħat qabel l-adebit reat in kwistjoni, hu kellu relazzjoni sesswali kunsenswali mal-intimata.*

*Illi naturalment din il-prova hija indispensabli għall-esponent għax kienet tgħin lid-difiża tiddiskredita lill-istess* parte civile*, li donnha riedet tinferixxi li ma kellhiex relazzjoni intimata konsenswali mal-esponent għal raġunijiet ovvji.*

*Illi din il-Qorti akkoljiet din it-talba permezz ta' digriet fil-11 ta' Mejju 2023.*

*Illi però mbagħad il-Qorti skartat din il-prova minħabba żewġ binarji, fosthom li mhux ċar jekk kienetx il-*parte civile *li tidher fil-filmat.*

*Illi però d-difiża ma tħallietx tikkonstata dan il-fatt peress li minkejja li l-esponent tħalla jipproduċi din il-prova, wara ma tħalliex itella' l-istess* parte civile *bħala xhud sabiex jipprova li attwalment kienet l-istess* parte civile *li tidher fil-filmat.*

*Illi l-Qorti fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Jannar 2024, qalet hekk;*

> Illi frankament lanqas ma hemm prova ta' minn huma l-persuni fil-filmat. Din il-Qorti kienet tat lill-appellant il-permess jippreżenta tali filmat fl-aħjar interess tal-ġustizzja iżda tasal għal konklużjoni li huwa ma jwassal għal ebda riżultat.

*Illi b'digriet tal-istess Qorti fl-14 ta' Settembru 2023, ingħad is-segwenti;*

> Tiċħad it-talba fejn qed jintalab illi jsir eżami tal-allegat vittma Azzopardi rigward il-filmat eżebit u dan stante illi din il-Qorti diġà ħadet konizzjoni tal-atti proċesswali u ma jidhriliex illi f'dan l-istadju li wasal fih l-appell għandha tilqa' t-talba biex isir l-eżami u l-kontro eżami tal-allegat vittma Azzopardi.

*Illi b'dan il-mod il-Qorti tal-Appelli Kriminali stultifikat l-ammissjoni tal-prova li hija stess kienet ammettiet in atti għall-aħjar interess tal-ġustizzja.*

*Illi naturalment dan kollu huwa leżiv tad-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-segwenti każistika;*

*Case of* **Salikhov vs Russia (Application no. 23880/05)**;

> The Court reiterates that the guarantees in paragraph 3 (d) of Article 6 are specific aspects of the right to a fair hearing set forth in paragraph 1 of this provision which must be taken into account in any assessment of the fairness of proceedings. Article 6 § 3 (d) enshrines the principle that, before an accused can be convicted, all evidence against him must normally be produced in his presence at a public hearing with a view to adversarial argument. Exceptions to this principle are possible but must not infringe the rights of the defence, which, as a rule, require that the accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either when that witness makes his statement or at a later stage of proceedings.

*Illi hawn il-Qorti Ewropea stabbiliet li ikun hemm nuqqas ta' smigħ xieraq jekk id-difiża ma jkolliex iċ-ċans teżamina x-xhieda prinċipali tal-prosekuzzjoni.*

*Illi indubjament ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni kienet il-*parte civile*.*

*Illi hu minnu li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-esponent kellu l-opportunità jeżamina din ix-xhud kif huwa hekk għamel.*

*Illi però fl-istadju tal-appell reġa' mmanifesta ruħu l-bżonn li din terġa' tiġi eżaminata mid-difiża wara li l-Qorti akkolijiet it-talba għal produzzjoni ta' prova ġdida.*

*Illi però stranament dik il-Qorti laqgħet dik it-talba biex wara skartat din il-prova ġdida minħabba fost affarijiet oħra kif intqal m'hemmx prova li n-nies fil-*video *kienu l-*parte civile *u r-rikorrent, prova li setgħet tiġi pprovata bl-eżami tax-xhud indikata.*

*Fl-isfond ta' dan kollu, b'permezz ta' nota responsiva tar-rikorrent, saret talba sabiex jittella' l-espert mediku Dr. Mario Scerri sabiex jeżamina dahar l-allegat vittma għal marki li hija għandha u dan sabiex jitqablu ma dahar il-persuna li tidher fil-filmat. Li hawn ukoll l-iskop tad-difiża kienet li turi li l-allegat* parte civile *kellha* birth mark *li kienet tikkombaċja ma' dik li tidher fil-filmat. Hawn ukoll l-iskop kien sabiex tiġi eliminata kwalsijasi dubju li l-*parte civile *kienet il-persuna indikata fil-filmat.*

*Illi in oltre għandu jingħad li l-pulizija eżekuttiva fl-istadju tal-kumpilazzjoni, naqsu milli jinġunġu bħala xhud lill-omm ir-rikorrent. Din kienet xhud essenzjali peress li din kienet preżenti ġewwa d-dar u għalhekk setgħet titfa' dawl fuq dak li ssuċċeda.*

*Illi għad li kien hemm numru ta' rinviji xorta waħda l-prosekuzzjoni naqset li ttella' din ix-xhud. Sfortunatament wara ftit xhur tal-preżentata, l-omm tar-rikorrent mietet.*

*Illi naturalment il-prosekuzzjoni hija ritenuta ttella' x-xhieda kollha rilevanti għal każ, kemm dawk favur u kemm dawk kontra, u dan in linja mal-principju ta'* equality of arms.

*Illi dan in-nuqqas għalhekk seta' dgħajjef serjament u inutilment id-difiża tar-rikorrent b'tali mod li mbagħad fl-istadju tad-difiża, l-esponent ma setax jużufruwixxi mix-xhieda ta' din ix-xhud potenzjali.*

*Illi tant hu minnu dan il-punt, illi meta d-difiża ilmentat fl-appell tagħha f'dan ir-rigward u ċioé li kien hemm preżenti omm l-akkużat li setgħet tixhed u tagħti dawl fuq dak li ġara, il-Qorti skartat dak l-argument billi qalet li m'hemmx prova li l-imputat jgħix ma' ommu. Il-Qorti qalet is-segwenti:*

Illi rigward il-preżenza ta' omm l-appellant fl-appartament fejn seħħ l-istupru, din il-Qorti tinnota li ma hemmx prova li fil-fatt l-appellant joqgħod ma' ommu.

*Illi* a contrario senso *jingħad li din l-osservazzjoni u konklużjoni fiċ-ċirkostanzi kienet tkun ikjarifkata kieku l-pulizija eżekuttiva ħarku lill-omm bħala xhud. Haġa li naqsu milli jagħmlu.*

*Illi għandu jingħad li fl-istqarrija tat-28 t'Awwissu 2019, a fol 154 tal-proċess, ir-rikorrent kien stqarr mal-Pulizija li hu kien qatta' l-lejl li allegatament sar l-adebit reat in kwistjoni, fid-dar t'ommu ġewwa Bormla. Fl-istqarrija tiegħu kien ingħad is-segwenti;*

Tyson Grech: U qaltli, staqsietni jekk ma nafx x'imkien għall-kwiet.

Spettur Eman Hayman: Mhm.

Tyson Grech: Qaltli jekk trid, għandi m'hemm ħadd. Għidtilha li mhux ha nidħol għandek.

Spettur Eman Hayman: Mhm.

Tyson Grech: ..... speċi l-ewwel darba, mhux ħa mmur għand xi ħadd jiena. Għidtilha jekk trid nistgħu mmorru d-dar tiegħi. Qaltli ....

Spettur Eman Hayman: Għaliex ma ridtx tidħol għandha inti?

Tyson Grech: ma nidħolx għand nies.

Spettur Eman Hayman: Int ma tidħolx għand nies.

Tyson Grech: Le, nies ma nkunx nafhom.

Spettur Eman Hayman: Ma x'hiex?

Tyson Grech: Ma tkunx tafhom sew niddejjaq nidħol għand nies. Nistħi, nistħi mid-dar tagħha.

Spettur Eman Hayman: Mistħi mid-dar tagħha.

Tyson Grech: Filgħodu jsibuni omma u missierha, mhux ħa niltaqa' magħhom jiena.

Spettur Eman Hayman: U d-dar tiegħek m'hemmx dan il-kunċett.

Tyson Grech: Ijja, hemm ommi imma jien ma nistħix minn ommi.

Spettur Eman Hayman: Inti ma tistħix minn ommok, okay, okay, mhux problema.

Tyson Grech: Emm, u qaltli mela mmoru għandek.

Spettur Eman Hayman: Mhm.

Tyson Grech: U għamilna hekk u ......

*Illi minn din l-istqarrija joħroġ ċar li l-pulizija eżekuttiva kienet taf li r-rikorrent kien qatta' dak il-lejl ta' meta seħħ l-allegat reat in kwistjoni fid-dar ta' ommu.*

*Illi a bażi ta' dan, il-pulizija kellha obbligu li tħarrek xhud ta' portata daqshekk kbira.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i) Tiddikjara li l-fatt illi l-esponent ma tħalliex itella' kif ukoll jagħmel kontro-eżami lil* parte civile *bħala xhud, rigward il-filmat li l-Qorti tal-Appell ammettiet in atti, bħala leżiv tad-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*ii) Tiddikjara li l-fatt li l-pulizija eżekuttiva naqsu milli jinġunġu bħala xhud lill-omm ir-rikorrent, bħala leżiv tad-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan in linja mal-prinċipju ta'* equality of arms.

*iii) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** u tal-**Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ġunju, 2024, fejn ingħad kif ġej:

*"Illi r-rikorrenti qiegħed jilmenta li ma kellux smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Tyson Grech*** *deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 2024 u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi l-esponent jirrespinġi dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt* stante *li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.*

***Fatti fil-Qosor***

*Illi r-rikorrenti ġie akkużat li bejn il- 15 u is-16 t'Awwissu 2019 ikkommetta, fost reati oħra, stupru fuq Ridienne Lee Azzopardi. B'sentenza tad-29 ta' Settembru 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrenti ħati ta' diversi reati u kkundannatu piena ta' 6 snin u multa ta' 2,200 u inoltre il-konfiska fl-ammont totali ta' 2,800 euro minħabba ksur tal-kundizjonijiet għall-ħelsien mill-arrest. Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 2024.*

***L-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq***

*Illi l-esponenti jirrileva minnufih li r-rikorrent b'din il-kawża qiegħed effettivament jistieden lil din l-Onorabbli Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi u tax-xhieda li tressqu fil-proċess kriminali u terġa' tidhol fil-mertu tal-proċess kriminali u għalhekk tagħmilha ta' Qorti tat-Tielet jew Raba' Istanza. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistħarreġ mill-ġdid il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-**artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi żmien raġonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu anzi ser jirrizulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-liġi skrupoložament. L-esponent jissottometti illi r-rikorrent qed jittenta jasal tramite l-proċedura odjerna fejn ma rnexxilux jasal quddiem il-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kriminali. Għalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proċeduri jintużaw b'dan il-mod jikkostitwixxi użu ħażin ta' dina l-proċedura straordinarja.*

*Bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u l-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralità tal-każijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm* equality of arms *bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema'* (audi

alteram partem) *u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.*

*Illi sabiex jiġu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara* Fenech vs Avukat Ġenerali *deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (*Pullicino vs Onor. Prim Ministru et *deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i. 158).*

*Dan attiż, għandu jirriżulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawża ma jaqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma ġie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalità tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigħ xieraq. Anzi, jirriżulta li l-partijiet kellhom aċċess ugwali għall-Qorti, saru l-eżamijiet u kontro-eżamijiet kollha meħtieġa u kull parti kellha l-opportunità li tressaq il-każ tagħha.*

*Il-fatt waħdu li l-Qrati penali għażlu li jemmnu x-xhieda ta' xhud u skartaw id-difiża tar-rikorrenti bl-ebda mod ma jfisser li dak sar bi ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrent.*

*Fl-aħħar mill-aħħar ix-xogħol ta' ġudikant huwa proprju li jevalwa u japprezza x-xhieda li jisma' u jiddeċiedi liema xhieda għandu joqgħod fuqha u liema xhieda mhux ta' min joqgħod fuqha u l-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kriterji biex jgħinuh jagħmel dan. Iż-żewġ sentenzi in kwistjoni kemm tal-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali huma motivati u ben studjati u ma hemm xejn irraġonevoli jew irregolari fihom. Jekk il-Qrati penali skartaw id-difiża tar-rikorrent dan ma sarx b'mod kapriċċuż iżda għaliex qiesu li kien hemm provi sal-grad rikjest mil-liġi sabiex isibu ħtija fir-rikorrent.*

*Illi huwa risaput li fl-istadju ta' appell in-norma hi li ma jistgħux jiġu prodotti xhieda jew provi ġodda sakemm ma jaqgħux taħt dawk l-eċċezzjonijiet li jipprovdi l-artikolu 424 tal-Kap. 9 li jirregola speċfikatament liema xhieda jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri). Fi kwalunkwe każ hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tilqax jew le talbiet mill-partijiet f'dan is-sens u għalhekk ċertament ma jistax ir-rikorrenti jippretendi li kull talba li jagħmel tiġi milqugħa mill-Qrati.*

*Ir-rikorrenti jilmenta ukoll li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq bħala xhud omm ir-rikorrenti. Dan l-ilment huwa assurd u ċertament fieragħ u vessatorju għax ir-rikorrenti kellu iż-żmien kollu biex iressaq lil ommu hu bħala xhud. Jekk omm ir-rikorrenti kienet lesta tixhed u ir-rikorrenti dehrlu li kienet xhud rilevanti, seta' faċilment jipproduċieha hu fl-istadju tal-provi difiża biex tixhed u mhux joqgħod jistenna lill-prosekuzzjoni.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal fuq espost, żgur li din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiddisturba jew b'xi mod tħassar is-sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali u ir-rikorrent ma jistax jippretendi li juża dawn il-proċeduri biex jipprova jaħrab minn piena li ġiet imposta b'mod leġittimu fil-konfront tiegħu. Għalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2025, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Jirriżulta li r-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, akkużat li bejn il-15 u s-16 ta' Awwissu, 2019, huwa kkommetta diversi reati, fosthom dak ta' stupru. Dik il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tad-29 ta' Settembru, 2021, sabitu ħati ta' diversi reati u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) snin ħabs u multa ta' elfejn u mitejn

Euro (€2,200), flimkien mal-konfiska ta’ elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) minħabba li huwa kien kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tal-11 ta’ Jannar, 2024. Ir-rikorrent jirrileva li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa kien talab sabiex jippreżenta filmat li huwa kien skopra fil-*‘Cloud’* tiegħu, u li kien juri li ftit tas-sigħat qabel ir-reat suriferit, huwa kellu relazzjoni sesswali kunsenswali mal-*parte civile*. Dik il-Qorti kienet laqgħet it-talba tiegħu permezz tad-digriet tagħha tal-11 ta’ Mejju, 2023, iżda sussegwentement skartat il-prova, fosthom għar-raġuni li ma kienx ċar jekk il-*parte civile* kinitx tassew tidher fil-filmat. Ir-rikorrent isostni li huwa ma kienx tħalla jipproduċi lill-istess *parte civile* bħala xhud, sabiex jintwera li kienet hi fil-filmat, u b’hekk jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali fixklet l-ammissjoni tal-prova li kienet hija stess li ammettiet, u b’hekk ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa ’l quddiem ‘il-Konvenzjoni’]. In sostenn tal-argument tiegħu, ir-rikorrent jagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-QEDB fil-każ ta’ **Salikhov v. Russia**, Applikazzjoni Nru. 23880/05, u jiċċita dak li qalet l-imsemmija qorti dwar id-dritt tal-akkużat li jingħata opportunità adegwata u xierqa sabiex jeżamina xhud li jkun ġie prodott kontrih. Jirrileva li kienet saret talba min-naħa tiegħu sabiex l-espert mediku Dott. Mario Scerri jagħmel eżami ta’ dahar il-*parte civile* bil-għan li jsir paragun bejn il-marki fuq daharha u dawk tal-persuna li kienet tidher fil-filmat. Ir-rikorrent jgħid li anki l-Pulizija Eżekuttiva kienet naqset fl-istadju tal-kumpilazzjoni milli tħarrek lil ommu bħala xhud, fejn din kienet xhud essenzjali għaliex kienet ukoll fl-istess dar fil-ħin li seħħ l-allegat reat. Sussegwentement ommu kienet mietet, u dan il-fatt seta’ dgħajjef b’mod serju d-difiża tiegħu, fejn huwa ma setax jużufruwixxi ruħu mix-xhieda tagħha

waqt l-istadju tad-difiża tiegħu. Ir-rikorrent jirrileva li hawnhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali saħansitra kienet skartat ukoll l-argument tiegħu, għaliex qalet li ma kien hemm l-ebda prova li huwa kien jgħix ma' ommu, iżda dan id-dubju jgħid li kien jitneħħa li kieku ommu ġiet imħarrka bħala xhud. Hawnhekk ir-rikorrent jagħmel riferiment għall-istqarrija tiegħu tat-28 ta' Awwissu, 2019, u jiċċita dik il-parti fejn fil-fehma tiegħu turi li huwa tassew kien jgħix ma' ommu. Ir-rikorrent fid-dawl tas-suespost, qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-fatt li huwa ma tħalliex jipproduċi lill-*parte civile* bħala xhud, u jagħmel kontro-eżami tagħha fir-rigward tal-filmat li l-Qorti tal-Appell Kriminali ammettiet fl-atti, kien leżiv tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-fatt li l-Pulizija Eżekuttiva naqsu milli jħarrku lil ommu bħala xhud, ukoll huwa leżiv tal-istess dritt u dan in linja mal-prinċipju tal-*equality of arms.* Ir-rikorrent jitlob sabiex din il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u direttivi li tikkunsidra xierqa, sabiex b'hekk jitħarsu u jiġi assigurat li jitħarsu d-drittijiet fundamentali tiegħu.

4. L-intimati jissottomettu li l-allegazzjonijiet li qiegħed iressaq ir-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Wara li jagħtu riassunt tal-fatti tal-każ odjern, huma jirrilevaw li dak li qiegħed jagħmel ir-rikorrent permezz tal-preżenti proċeduri huwa li qiegħed jistieden lil din il-Qorti sabiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li saru matul il-proċess kriminali, u b'hekk tagħmilha ta' qorti tat-tielet jew tar-raba' istanza. Jissottomettu li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix dan id-dritt lill-akkużat, u għaldaqstant l-ilment mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti. Dwar il-mertu tal-ilment, l-intimati jissottomettu li r-rikorrent mhuwiex qiegħed isemmi mqar element wieħed tad-dritt għal smigħ xieraq li allegatament ġie miksur, u jirriżulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-liġi

sew. Jgħidu li sabiex jiġi kkunsidrat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed irid jqis il-proċedura sħiħa, kemm fis-sustanza u anki fl-apparenza tagħha, u hawnhekk huma jagħmlu riferiment għal diversi sentenzi deċiżi mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Huma jfissru seba' ċirkostanzi marbutin mad-dritt ta' smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u jsostnu li l-ilment tar-rikorrent ma jaqax fil-parametri ta' xi waħda minnhom. Jinsistu li l-partijiet kienu ngħataw l-istess aċċess għall-Qorti, saru l-eżamijiet u l-kontro-eżamijiet kollha meħtieġa, u kull parti kellha l-opportunità li tressaq il-każ tagħha. L-intimati jissottomettu li l-fatt li l-Qrati Kriminali għażlu li jemmnu xhud, u b'hekk skartaw id-difiża tar-rikorrent, ma kienx ifisser li b'hekk ġie leż xi dritt minn tiegħu. Isostnu li s-sentenzi tal-imsemmija Qrati huma motivati u studjati ferm, u ma jirriżulta xejn irraġonevoli jew irregolari fihom. Huma jirrilevaw li r-regola hija li ma jistgħux jiġu prodotti xhieda jew provi oħra fl-istadju tal-appell, u dan sakemm ma tirriżultax xi waħda mill-eċċezzjonijiet li jipprovdi għalihom l-artikolu 424 tal-Kap. 9. Jgħidu li madankollu l-Qorti tal-Appell Kriminali dejjem jibqgħalha d-diskrezzjoni jekk għandhiex tilqa' jew le it-talba tal-parti, u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi li għandha tiġi milqugħa kull talba li jagħmel. Għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tressaq lil ommu bħala xhud, l-intimati jissottomettu li l-ilment tar-rikorrent huwa wieħed fieragħ u vessatorju, għaliex ir-rikorrent kellu l-opportunità li jagħmel dan huwa stess. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-intimati jinsistu li ma jirriżulta l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**Provi u riżultanzi**

5. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2024, xehed **l-Ispettur Eman Hayman**, prodott mir-rikorrent. Spjega li f'Awwissu 2019 huwa kien ġie nfurmat

li kien hemm persuna rikoverata l-Isptar li xtaqet tagħmel rapport mal-Pulizija dwar stupru jew abbuż sesswali. Ikkonferma li huwa kien l-investigatur sa mill-bidunett tal-każ, u sussegwentement kien ukoll il-prosekutur. Ikkonferma wkoll li meta huwa kien interroga lill-imputat, dan semma li kien jgħix għand ommu. Mistoqsi għaliex ma ħarrikx lil ommu sabiex tixhed, ix-xhud qal li ma kienx hemm għalfejn.

6. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrent **Tyson Grech** ippreżenta l-affidavit tiegħu. F'dan l-affidavit huwa spjega kif kien tressaq quddiem il-Qorti f'Awwissu 2019 mixli b'diversi reati, u li bis-sentenza tagħha tad-29 ta' Settembru, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati ta' uħud mill-akkużi, u l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar, 2024, ikkonfermat dik is-sentenza. Huwa ddikjara u spjega li x-xhieda tal-*parte civile* jew allegata vittma, kienet kontradetta minn żewġ persuni oħra li kienu xehdu fil-proċeduri. Ir-rikorrent spjega kif waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri tal-appell, fit-8 ta' Marzu, 2023, huwa kien skopra li kellu filmat fuq il-*'Cloud'* tiegħu, li kien juri relazzjoni sesswali konsenswali mal-persuna in kwistjoni, u huwa kien talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jesebixxi l-imsemmi filmat. Il-Qorti kienet laqgħet it-talba tiegħu, iżda sussegwentement kien ġie eskluż għaliex ma kienx ċar jekk l-allegata vittma tassew kienet fil-filmat. Ir-rikorrent irrileva li fl-14 ta' Settembru, 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu lill-istess allegata vittma dwar l-imsemmi filmat, u ma kkunsidratx li kien hemm il-ħtieġa li tiġi eżaminata mill-ġdid. Jikkontendi li dan wassal sabiex ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skont il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent spjega li huwa kien talab ukoll sabiex l-allegata vittma tiġi soġġetta għal eżami mediku sabiex jiġi jsir paragun bejn il-

marka fuq daharha, u dik li kienet tidher fuq il-persuna fil-filmat, iżda din it-talba tiegħu wkoll kienet ġiet miċħuda. Qal li l-avukat tiegħu kien ukoll issolleva l-punt li ommu ma kinitx ġiet mħarrka sabiex tixhed, u dan minkejja li hija kienet xhud importanti li setgħet tikkonferma l-verżjoni tiegħu. Spjega li hawnhekk il-Qorti kienet warrbet l-argument tiegħu, għaliex fil-fehma tagħha ma kienx hemm prova li huwa kien jgħix ma' ommu. Qal li llum ommu mietet u għalhekk l-avukat tiegħu qatt ma kellu l-opportunità li jtella' lil ommu tixhed. Fl-aħħarnett ir-rikorrent iddikjara li dawn iż-żewġ kwistjonijiet kienu kisru d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

7. Il-Qorti tagħraf li fir-rikors promotur r-rikorrent, kif jidentifika fl-affidavit tiegħu, qiegħed jissolleva żewġ kwistjonijiet li tqajmu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u li jikkontendi li l-mod li kif ġew ittrattati minn dik il-Qorti, huwa leżiv tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. L-ewwel kwistjoni hija marbuta mal-filmat li huwa kien skopra fuq l-*'Cloud'* tiegħu matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn kien u għadu jinsisti li l-persuna li tidher fl-istess filmat hija proprju l-*parte civile,* iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrifjutat li tagħtih permess sabiex huwa jagħmlilha l-mistoqsijiet tiegħu. It-tieni kwistjoni kienet tikkonsisti fil-fatt li l-Pulizija Eżekuttiva kienet naqset milli tħarrek lil ommu bħala xhud sabiex tixhed fil-proċeduri li saru fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

8. Qabel xejn, il-Qorti tikkunsidra li l-intimati għandhom sa ċertu punt jingħataw raġun meta jikkontendu li dak li qiegħed jagħmel ir-rikorrent permezz tal-proċeduri preżenti, huwa li jistieden lil din il-Qorti sabiex tagħmel l-apprezzament tagħha mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Tagħraf li fir-rikors promotur, ir-rikorrent jibda billi jispjega l-ilment tiegħu ta' nuqqas ta' smigħ xieraq, iżda aktar tard huwa jidħol fil-mertu taż-żewġ kwistjonijiet suesposti. Dan il-Qorti hija prekluża milli tikkunsidrah, għaliex is-setgħat tagħha huma biss dawk kif imfissra fis-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fis-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk hija mhijiex ser tidħol fil-mertu li diġà jinsab deċiż mill-imsemmija Qrati, u minflok ser tillimita l-istħarriġ tagħha skont id-dispożizzjonijiet appena msemmija.

9. Ir-rikorrent fl-ewwel parti tal-ilment tiegħu dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, jikkontendi li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx ippermettietlu li jtella' mill-ġdid il-*parte civile* bħala xhud sabiex tikkonferma li kienet tassew hi fil-filmat li l-istess Qorti kienet aċċettat li huwa seta' jippreżenta quddiemha. Jgħid li b'hekk il-Qorti tal-Appell Kriminali fixklet l-ammissjoni tal-prova li kienet hija stess li ammettiet. Huwa jiċċita dak li qalet l-imsemmija Qorti fis-sentenza tagħha, kif isegwi:

> *"Illi frankament l-anqas ma hemm prova ta' minn huma l-persuni fil-filmat. Din il-Qorti kienet tat lill-appellant il-permess jippreżenta tali filmat fl-aħjar interess tal-ġustizzja iżda tasal għal konklużjoni li huwa ma jwassal għal ebda riżultat."*

10. Iżda r-rikorrent konvenjentement evita li jiċċita l-paragrafi preċedenti tas-sentenza ta' dik il-Qorti, fejn fissret ir-raġuni prinċipali tagħha għaliex hija kienet qiegħda tikkunsidra li l-filmat ma kienx ser iwassal għall-ebda konklużjoni:

> *"Illi fl-istadju tal-appell l-appellant ġie awtorizzat jippreżenta filmat li skont hu jipprova li dak li seħħ bejnu u bejn il-*parte civile *seħħ bil-kunsens. Din il-Qorti rat dan il-filmat bħal ma rat l-atti proċesswali ta' dan il-każ. Rigward il-filmat in kwistjoni, din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa prattikament fid-dlam u ma jista' jiġi identifikat ħadd fih u li d-data li jġib huwa "15 August 2019" fil-lokalità "Cospicua" u bil-ħin "02.51".*

> *Dawn id-dettalji juru li dan il-filmat jista' jagħti l-każ li huwa tal-att sesswali li sar bil-lejl – **dak li l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija dwaru**.[enfażi tal-Qorti] Filwaqt li din il-Qorti għandha ċertu dubji dwar jekk verament l-appellant "skopra" (*a fol *661) dan il-filmat fil-'*cloud*' tiegħu fit-8 ta' Marzu 2023. Minbarra dan, minkejja li d-data hija l-istess data ta' meta seħħ l-akkadut, **il-ħin ma jaqbilx u dana peress li l-konġunġiment karnali in kwistjoni seħħ filgħodu wara li l-***parte civile* ***u l-appellant kienu qamu*** *[enfażi tal-Qorti](a* fol. *44).*
>
> *Illi anke jekk wieħed kellu jqis li d-dahar li jidher fil-filmat huwa tal-*parte civile *dan ma jiskolpax lill-appellant. **Kif diġà ngħad, dan il-filmat ma jurix x'ġara filgħodu**. [enfażi tal-Qorti] Tajjeb jiġi ċċarat li jekk persuna tkun aċċettat preċedentement li jkollha x'taqsam ma' persuna oħra dan ma jagħtix permess sussegwenti lill-persuna l-oħra li tippretendi konġunġimenti karnali sussegwenti. **Li kellu jipprova f'dan ir-rigward l-appellant kien li l-konġunġiment karnali li sar filgħodu kien bil-permess tal-parti l-oħra. Il-filmat in kwistjoni ma jippruvax dan**." [Enfażi tal-Qorti]*

11. Illi għalhekk ix-xhieda tal-*parte civile* kif kienet intalbet mir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u anki l-ħatra ta' espert mediku, ma kienu ser jservu ta' ebda utilità, ġaladarba huwa ma nstabx ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-atti li dehru fil-filmat esebit minnu. Kif sewwa jirrilevaw l-intimati, il-kwistjoni li qiegħed jissolleva r-rikorrent ma tistax tiġi mistħarrġa waħedha, iżda għandha tittieħed fil-kuntest tal-proċeduri kollha li ġew ittrattati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali.[1] Għalhekk il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il-QEDB'] fid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Marzu, 1987 tal-Każ ta' **Monnell and Morris**, qalet:

> *"[t]he manner in which para. 1 ... of Art. 6 is to be applied in relation to appellate or cassation courts depends upon the special features of the proceedings involved. In order to determine whether there has been a breach of the right to a fair trial, '[a]ccount must be taken of the entirety of the proceedings conducted in the domestic legal order and of the role of the appellate or cassation court therein ... and the mannner in which the two applicants' interests were actually presented and protected before the Court of Appeal".*

[1] Ara Q.Kost., Victor Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija, 29.11.2004.

12. Imbagħad aktar rilevanti għall-każ partikolari in eżami, huwa dak li ngħad mill-QEDB fid-deċiżjoni tagħha tal-Każ ta' **Gafgen v. Germany**, App. Nru. 22978/05, tat-3 ta' Ġunju, 2010, fejn qalet:

> "164. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had as to whether the rights of the defence have been respected. In particular, it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, as must the circumstances in which it was obtained and whether these circumstances cast doubts on its reliability or accuracy. While no problem of fairness necessarily arises where the evidence obtained was unsupported by other material, it may be noted that where the evidence is very strong and there is no risk of its being unreliable, the need for supporting evidence is correspondingly weaker (see, inter alia, Khan, cited above, §§ 35 and 37; Allan, cited above, § 43; and the judgment in Jalloh, cited above, § 96). **In this connection, the Court further attaches weight to whether the evidence in question was or was not decisive for the outcome of the proceedings** [enfażi tal-Qorti] (compare, in particular, Khan, cited above, §§ 35 and 37)."

13. Ikkunsidrat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha kif imsejjsa fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li sabet lir-rikorrent ħati fir-rigward tal-konġunġiment karnali li seħħ filgħodu u mhux dak li sar bil-lejl, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrent huwa ġustifikat. Tagħraf li għalhekk kull prova relatata ma' dak tal-allegat att li seħħ bil-lejl, ġiet skartata minn dawn iż-żewġ Qrati, sabiex b'hekk ir-rikorrent inħeles minn kull ħtija. Għalhekk kien ikun proprju inutli li l-Qorti tal-Appell Kriminali tikkunsidra kull prova ġdida min-naħa tiegħu sabiex jiskolpa lilu nnifsu minn dik il-ħtija.

14. Barra minn hekk l-ilment tiegħu mhuwiex ġustifikat fejn huwa jinsisti li l-Pulizija Eżekuttiva kienet tenuta tħarrek lil ommu bħala xhud, għaliex din kienet allegatament preżenti fil-fond fejn seħħ l-allegat reat, u għalhekk setgħet titfa' xi dawl fuq dak li ġara. Tikkunsidra li l-Pulizija Eżekuttiva kellha kull dritt li

tagħżel il-mod kif tagħmel il-każ tagħha, kif kellu wkoll r-rikorrent, li ma jirriżultax li kien miżmum b'xi mod milli jħarrek lil ommu bħala xhud, għajr għall-fatt li din sadanittant ġiet nieqsa.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**